APRIL

April—l-aghsafar jgħannu
Hlief bl-hena ma jafux;
April—is-silla thammar
U jlellex il-lellux.
April—iż-żahar ifewwaħ
U jgħaxxaq il-ħolqien,
Il-ġmiel jitbissem hieni
Fl-għelieqi, fil-widien,
Fid-deheb tal-qamħ jixxejjer
Fil-beraħ tal-għoljiet.
Fis-sema safi safi,
Fix-xagħri kollu skiet;
Fl-għarejjex mnejn jittawlu
Il-klieb nofshom reqdin;
Fil-friegħi li jirtoqħdu;
Fil-porpra tal-peprin.

April—l-għasfur isejjaħ,
U fuq ġwinħajn ir-riħ
Is-sejħa ta' l-imħabba
Mill-boqħod tirrispondih.
Is-sejħa ta' l-imħabba
Issaltan kullimkien:
Fl-ilwien tal-ward ifewwaħ,
Fis-sema, fil-widien.

Bħal min, f'art barranija,
La jaf, anqas jafuh,
Minn xorti kiefra, waħdu,
Fqajjar, jinsab mitfugħ,
Hekk jien, April, fi ġmielek
Għalxejn fittixt is-serħ:
Għal qalb mingħajr imħabba
La sabar, anqas ferħ.

ĠORĠ ZAMMIT.